MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 108/2003

**Guzepp Hili u martu Lucia Hili**

**vs**

**Joseph Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Tghid ghaliex inti konvenut m’ghandekx tkun ikkundannat thallas is-somma ta’ mitejn u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (LM287.50c), rapprezentanti bilanc ta’ prezz fuq merkanzija gia mibjugha u konsenjata lilek kif ukoll servizzi rezi lilek bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali tat-tletin (30) t’Awwissu, elfejn u tnejn (2002) sad-data ta’ l-effettiv pagament.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-hdax (11) ta’ Dicembru, elfejn u tnejn (2002) kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficcjali spedita fit-tletin (30) ta’ Awwissu, elfejn u tnejn (2002).

Bl-inguzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga inti ngunti."

Sema' d-deposizzjoni tal-attur Guzepp Hili li kkonferma bil-gurament il-kontenut tal-avviz tat-talba;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta; u lanqas deher sabiex jikkontesta t-talba attrici fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2003 f'liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal; u l-anqas deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma gab ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' LM287.50c rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq merkanzija mibjugha u kkunsinnata lill-konvenut kif spjegat fl-avviz tat-talba bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-11 ta' Dicembru 2002 u dawk tal-ittra ufficcjali tat-30 t'Awwissu 2002 a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------